



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

3.2.2010

B7-0083/2010

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

imressqa skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-segwitu għall-pożizzjoni tal-Parlament rigward il-proposta għal regolament dwar strateġija tal-UE għall-Konferenza ta' Kopenhagen dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 15)

Jo Leinen, Marita Ulvskog, Linda McAvan, Dan Jørgensen, Andrés Perello Rodríguez, Kriton Arsenis, Judith A. Merkies

f'isem il-Grupp S&D

RE\803752MT.doc

PE432.936v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0083/2010

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-segwitu għall-pożizzjoni tal-Parlament rigward il-proposta għal dwar strateġija tal-UE għall-Konferenza ta' Kopenhagen dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 15)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Protokoll ta' Kyoto għall-UNFCCC,
 - wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali (Deċiżjoni 1/COP 13),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kopenhagen li tressaq matul il-15-il Konferenza tal-Partijiet (COP 15) tal-UNFCCC kif ukoll il-ħames Konferenza tal-Partijiet li qed isservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet tal-Protokoll ta' Kyoto (COP/MOP 5) f'Kopenhagen, fid-Danimarka, mis-7 sat-18 ta' Diċembru 2009,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Konferenza ta' Kopenhagen dwar it-Tibdil fil-Klima¹,
 - wara li kkunsidra l-Pakkett tal-UE dwar it-Tibdil fil-Klima adottat fis-17 ta' Diċembru 2008,
 - wara li kkunsidra l-Kunsill Ewropew informali li jmiss fil-11 ta' Frar 2010, li se jirrevedi l-konklużjonijiet miftiehma f'Kopenhagen,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi n-negożjati dwar ftehim internazzjonali komprensiv dwar il-bidla fil-klima għal wara l-2012 ma għewx konklużi f'Kopenhagen f'Diċembru 2009,
- B. billi t-tibdil katastrofiku fil-klima se jsir aktar probabbli jekk l-ebda ftehim globali dwar il-ħarsien tal-klima ma jkun fis-seħħ wara l-2012,
- C. billi l-oġettiv ta' 2°C mhux probabbli li se jintlaħaq fil-qafas internazzjonali attwali għall-ħarsien tal-klima,
- D. billi ftehim internazzjonali li jorbot legalment se jkollu jiġu ffinalizzat matul in-negożjati tal-UNFCCC f'Bonn (mill-31 ta' Mejju sal-11 Ġunju 2010) jew, l-aktar tard, f'Mexico City bejn id-29 ta' Novembru u l-10 ta' Diċembru 2010,
- E. billi bosta pajjiżi żviluppati u pajjiżi li qed jiżviluppaw naqsu milli jappoġġjaw it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' qafas internazzjonali ġdid għall-ħarsien tal-klima,
1. Jistqarr id-diżappunt tiegħu dwar ir-riżultat tal-laqgħa tal-COP 15 f'Kopenhagen f'Diċembru 2009;

¹ Testi adottati, P7_TA-PROV(2009)0089.

2. Jemmen li l-Ftehim ta' Kopenĥagen huwa riżultat insuffiċjenti, nieqes mill-ambizzjoni u mill-impenji; u jerġa' jišĥaq fuq l-impenn tiegħu, kif iddikjarat fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Novembru 2009, favur ftehim internazzjonali li jorbot legalment dwar it-tibdil fil-klima;
3. Jesprimi d-diżappunt tiegħu dwar in-nuqqas ta' unità tal-UE u l-mod kif tmexxew in-negożjati finali mill-presidenza tal-COP 15;
4. Ihegġegħ lill-Istati Membri tal-UE biex jitkellmu b'vuċi waħda f'negożjati internazzjonali dwar il-klima;
5. Jistieden b'urġenza lir-Rappreżentant Għoli tal-UE u lill-Kummissarju responsabbli għall-azzjoni dwar il-klima biex imexxu l-istrateġija tal-UE għad-diplomazija dwar il-klima; ihegġegħ lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jaqblu dwar "Pjan għall-Messiku" li se jinkludi d-diskussjoni tal-politika dwar il-klima f'kull ftehim ta' sħubija strateġika u ta' kooperazzjoni bilaterali u multilaterali sabiex tinħoloq strateġija esterna aktar koerenti għall-ħarsien tal-klima; jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jibnu "Alleanza ta' Responsabbiltà", miftuħa għall-pajjiżi kollha li jqisu t-tibdil fil-klima bħala theddida ewlenija għall-umanità u li huma lesti li jaġixxu sabiex iwaqqfu it-tisħin globali;
6. Jistieden lill-UE biex iżżomm l-ambizzjonijiet tagħha għall-ħarsien tal-klima u biex tqis impenn unilaterali ta' tnaqqis, sal-2020, tal-emissjonijiet tagħha tad-CO2 filwaqt li timmira lejn il-valuri l-aktar għolja tal-iskala bejn 25% u 40% meta mqabbla mal-livelli tal-1990, sabiex turi sens ta' tmexxija rigward il-ħarsien internazzjonali tal-klima;
7. Jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex jinfurzaw il-prinċipju tal-"ġustizzja tal-klima" f'perspettiva fit-tul (l-2050 u lil hinn); għalhekk huwa favur klawżola ta' ekwità fin-negożjati internazzjonali tal-ġejjieni dwar il-klima;
8. Jistieden lill-pajjiżi żviluppati u pajjiżi li qed jiżviluppaw biex mill-ġdid jibnu l-fiduċja li ntilfet matul in-negożjati, u jistieden lill-partijiet kollha għall-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) sabiex iħejju qafas li jorbot legalment għall-ħarsien internazzjonali tal-klima matul is-sena 2010, li jkun jista' jiġi iffirmat mill-partijiet fil-COP 16/MOP 6 fil-Messiku;
9. Jitlob biex l-EUR 7.2 biljun imwiegħda mill-UE għall-finanzjament b'mod mgħaġġel fis-snin 2010-2012, maħsuba għall-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' adattament, sabiex jinfurzaw il-protezzjoni tal-foresti u l-politiki ta' adattament fil-pajjiżi l-anqas żviluppati u stati żgħar li huma gżejjer; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jiggarrantixxu b'mod sħiħ ir-rappurtar trasparenti dwar il-flussi finanzjarji mgħaġġla; u jistieden lill-pajjiżi żviluppati biex jikkommettu ruħhom għas-sehem ġust tagħhom fil-finanzjament pubbliku tal-impenn finanzjarju biex jinġabru EUR 100 biljun fil-Ftehim ta' Kopenĥagen, li ssir ħidma lejn l-implimentazzjoni mgħaġġla tal-miżuri, u biex iwettqu aktar ħidma urġenti dwar is-sorsi ta' finanzjament prevedibbli fit-tul separati mill-miri eżistenti għall-ODA għall-perjodu 2012-2020, inkluża l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi finanzjarji ġodda u innovattivi (bħal taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji) biex jappoġġjaw azzjoni internazzjonali favur il-klima;
10. Jenfasizza li d-deforestazzjoni tikkontribwixxi għal mill-inqas 15% tal-emissjonijiet globali annwali tal-gassijiet b'effett ta' serra, u għalhekk jitlob prodotti tal-injam maqtugħ illegalment jiġu ppojbti milli jitqiegħdu fis-suq Ewropew, biex jiffurmaw pilastru

addizzjonali ta' politika tal-ħarsien tal-klima tal-UE;

11. Jistieden lill-UE biex tipproponi l-ħolqien ta' taxa ta' 0.01% fuq tranżazzjonijiet finanzjarji, li tiġbor EUR 20 000 miljun fis-sena biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiġġieldu kontra t-tibdil fil-klima u jadattaw għalih; l-ammonti miġbura għandhom jinżammu biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jipprovdu inċentivi għall-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-art kif ukoll id-deżertifikazzjoni;
12. Iħeġġeġ lill-Istati Uniti u ċ-Ċina, kif ukoll imsieħba internazzjonali oħra, biex joħorġu b'impenji ulterjuri għal sistema internazzjonali tal-ħarsien tal-klima, sabiex jergġu jibdeu id-diskussjonijiet u jintlaħaq ftehim internazzjonali ambizzjuż u li jorbot legalment b'konformità mal-aħħar żviluppi fix-xjenza u konsistenti mal-oġettiv ta' 2° C;
13. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-proċess ta' riforma fin-Nazzjonijiet Uniti, u jinnota li r-riżultat tal-Konferenza dwar il-Klima ta' Kopenħagen huwa eżempju ieħor li jikkonferma l-ħtieġa urġenti biex jergġu jitqiesu metodi ta' ħidma fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti;
14. Jinnota b'sodisfazzjon li l-delegazzjoni tal-Parlament ġiet offruta l-ispazju għall-uffiċċji fil-padiljun tal-UE u rċeviet aġġornamenti ta' kuljum mill-Kunsill u l-Kummissjoni; huwa mħasseb, madankollu, dwar in-nuqqas ta' trasparenza, u jitlob għal involviment akbar tas-soċjeta' ċivili fin-negozjati;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, bit-talba li din tiġi ċċirkulata mal-partijiet kollha involuti li mhumiex parti mill-UE.